**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. ELAINE RIZZO BA. LL.D.**

**Illum, is-27 ta' Mejju 2025**

**IL-PULIZIJA**
(Spettur Sarah Magri)
(Spettur Andrew Agius)

**KONTRA**

**DANIEL MAFTEI**
(detentur tal-karta ta' l-identita' Rumena SL097550)
U
**LUCIAN-IONUT SERBAN**
(detentur tal-karta tal-identita' Rumena XR817483)

**IL-QORTI,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta':

**Daniel Maftei** ta' tlieta u ħamsin (53) sena ta' nazzjonalita Rumena, imwieled nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Lulju tas-sena elf disgħa mija u wieħed u sebgħin (1971) bla indirizz fiss u detentur tal-Karta tal-Identita' Rumena bin-numru SL097550, kif ukoll ta'

**Lucian-Ionut Serban** ta' disgħa u tletin (39) sena ta' nazzjonalita Rumena, imwieled nhar is-ħamsa u għoxrin (25) ta' Mejju tas-sena elf disgħa mija u sitta u tmenin (1986) bla indirizz fiss u detentur tal-Karta tal-Identita' Rumena bin-numru XR817483;

Akkuzati b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe talli nhar it-tnax (12) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn is-

siegħa ta' waranofsinhar (13:00hrs) u l-erbgħa ta' waranofsinhar (16:00hrs) fil-viċinanzi tal-Hop On Hop Off Drop Point ġewwa r-Rabat, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Ikkommettew serq sempliċi ta' *diversi oġġetti nkluż flus kontanti* u dan għad-detriment ta' **Jane Lyons** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra[1];

2. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkommettew serq sempliċi ta' *diversi oġġetti nkluż flus kontanti* u dan għad-detriment ta' **Brian Halkett** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra[2];

Nhar il-hdax (11) ta' Mejju tas-sena elfejn u ħamsa u għoxrin (2025) bejn is-siegħa ta' waranofsinhar (13:00hrs) u l-erbgħa ta' waranofsinhar (16:00hrs) f'Triq it-Trunċiera ġewwa Marsaxlokk, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

3. Ikkommettew serq sempliċi ta' *diversi oġġetti nkluż flus kontanti* u dan għad-detriment ta' **Aubrey Ernst Joseph Kelly** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra[3];

4. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkommettew serq sempliċi ta' *diversi oġġetti nkluż flus kontanti* u dan għad-detriment ta' **Philomena Margret Boggs** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra[4];

5. Talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkommettew serq sempliċi ta' *diversi oġġetti nkluż flus kontanti* u dan għad-detriment ta' **Maria Leonita Smyth** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra[5];

<u>Daniel Maftei waħdu</u> akkuzat talli nhar is-sitta (06) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) bejn nofsinhar (12:00hrs) u l-erbgħa ta' waranofsinhar (16:00hrs) minn ħdejn Rabat Bus Stop 2, Is-Saqqajja, l-Imdina, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

[1] Artikoli 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[2] Artikoli 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[3] Artikoli 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[4] Artikoli 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[5] Artikoli 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

6. Ikkommetta serq sempliċi ta' *diversi oġġetti nkluż flus kontanti* u dan għad-detriment ta' **Eduard Cornelis Murrris** u/jew persuna/i naturali/ġuridiċi oħra[6];

Daniel Maftei waħdu akkuzat talli nhar is-sitta (06) t'Ottubru tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) bejn is-siegħa (13:00hrs) u l-erbgħa ta' waranofsinhar (16:00hrs), ir-Rabat, Malta u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

7. Għamel qligħ ieħor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali bi ħsara ta' **Eduard Cornelis Murrris** u/jew persuna/i oħra u/jew entità/entitajiet oħra liema ħsara hija mhux aktar minn ħamest mitt ewro (€500)[7]

Din l-Onorabbli Qorti giet ġentilment mitluba sabiex titratta lil **Daniel Maftei** u **Lucian-Ionut Serban** bħala **reċedivi** ai termini tal-Artikoli **49, 50 u 289** tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jinbidlu;

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjoni tal-artikolu 15A *et seq.* tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Din l-Onorabbli Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija għar-reati kollha hawn fuq imsemmija jew għal wieħed biss jew għal uħud minnhom tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 532A u/jew 532B u/jew tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew pieni li tistabbilixxi l-liġi;

Semgħet ix-xhieda u rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti;

Semgħet lill-imputati jiddikjaraw u sussegwentament jerġgħu jikkonfermaw li huma ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħhom u dan wara li l-Qorti tathom żmien sabiex jerġgħu lura mill-istess ammissjoni, wara li solennement spjegathielhom il-konsegwenzi tal-istess ammissjoni u tathom żmien

[6] Artikoli 284 u 285 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.
[7] Artikolu 309 u 310 (1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

bizzejjed sabiex jirrikonsidra l-ammissjoni tagħhom u jerġgħu jikkonsultaw mal-avukati tagħhom.

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet in kwantu għall-piena li għandha tiġi erogata fejn il-Qorti ġiet infurmata li hemm qbil bejn il-partijiet li l-piena idoneja hija dik ta' disa' xhur priġuernija effettiva kull wieħed mill-imputati. In kwantu għar-restituzzjoni tar-res refurtiva, l-prosekuzzjoni irrimettiet ruħha għad-deċizzjoni tal-Qorti.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputati, l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom ġew kollha ippruvati sal-grad rikjest mil-liġi;

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura gravi tal-imputazzjonijiet li tagħhom l-imputati ser jinstabu ħatja, liema imputazzjonijiet għalkemm jikkonċernaw ir-reat ta' serq sempliċi (pick pocketing) jidher ċar li dan ir-reat ma kienx imwettaq f'istanza iżolata iżda f'forma ta' diversi reati. Fil-fatt l-imputati qed jirreġistraw ammissjoni għal serje ta' reati ta' *pick-pocketing*. Dan indubbjament jagħmel in-natura tar-reati li tagħhom l-imputati irreġistraw ammissjoni ferm iktar gravi. B'hekk fil-fehma ta' din il-Qorti l-piena idonea hija dik ta' priġunerija effettiva. Ħadet kont tal-fedini penali ta' l-imputati u dan anke fid-dawl ta' dak ivverbalizzat mill-prosekuzzjoni fl-udjenza tallum. Ħadet kont tal-fatt li l-imputati rreġistraw ammissjoni fl-iktar stadju bikri tal-proċeduri odjerni (ċioe' fil-prezentata). Ħadet kont tal-fatt li wieħed mill-imputati (Daniel Maftei) ikkoopera mal-pulizija fl-investigazzjonijiet kondotti minnhom.

Illi in kwantu għal kalibrar tal-piena din il-Qorti ikkunsidat dak li jistipula l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, li bih ġew akkużati mill-prosekuzzjoni, kif ukoll l-addebitu tar-reċidiva mgħoti fil-konfront taż-żewġ imputati.

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet din il-Qorti taqbel ma dak sottomess mill-partijiet.

Illi in kwantu għat-talba tal-prosekuzzjoni a tenur tal-artikoli 15A u 532A u/jew 532B tal-Kodiċi Kriminali għar-risarċiment tar-res refurtiva, din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad l-istess talba ġaladarba l-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova u/jew sottomissjoni f'dan ir-rigward. Filwaqt li inkwantu għat-talba tal-ħlas tal-ispejjeż peritali a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiċħad din it-talba ukoll ġaladarba ma ġewx maħtura esperti fil-proċeduri odjerni.

Għal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 284, 285, 309 u 310(1)(b) tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, qed issib lill-qua imputati Daniel Maftei u Lucian-Ionut Serban ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħhom u konsegwentament qed tikkundannahom għal disa' priġunerija xhur priġunerija effettiva kull wieħed.

Illi b'referenza għat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex il-ħati jiġi kkundanat għall-ħlas ta' l-ispejjeż peritali, din il-Qorti, qed tiċħad din l-istess talba ġaladarba fil-proċeduri odjerni ma jirriżultax li ġew maħtura esperti. In oltre din il-Qorti ma hijiex tal-fehma li għandha terroga xi provedimenti dwar ħlas għad-danni ġaladarba ma ġew ippreżentati l-ebda provi f'dan ir-rigward.

Finalment din il-Qorti qed tordna ukoll li kopja eletronika tal-atti u s-sentenza jiġu mibgħuta lill-Avukat Ġenerali skond il-liġi.

______________________________

**MAĠISTRAT Dr. Elaine Rizzo BA. LL.D.**

__________________________

Christine Farrugia

**Deputat Registratur**